KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 400 (8-28)

It-Tnejn 23 ta' Novembru 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**400.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Kurstein Sant.

**400.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 399. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**400.2.1** 399.3.8 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li fil-legislazzjoni preċedenti diġa kien hemm konsultazzjoni mal-għaqdiet rigward proposti għal Pjazza San Nikola, u saħqet li l-punti li ħarġu għandhom jiġu kkunsidrati. Is-Sindku qal li għalissa, permezz tas-sottokumitat infrastruttura, qed isir proġett intern li jinkorpora l-input ta' l-istakeholders kollha. Is-Sindku qal ukoll li l-Pjazza ser tkun inkorporata wkoll fl-istudju tal-proġett Slow Streets, li għandu jkun lest għal bidu tas-sena d-dieħla. Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li l-proġett jinkludi wkoll proposta għal arranġament tat-traffiku fit-toroq biswit il-pjazza.

**400.2.2** 399.4.2 Il-Kunsilliera Francine Farrugia xtaqet tiċċara li hi kienet involuta f'din l-attivita' bħala l-Kunsilliera inkarigata mid-dekasteru 'Peruni b'Diżabilta' u għalhekk ħasset li kellha tkun preżenti għal preżentazzjoni.

**400.2.3** 399.9 Is-Sindku qal li minħabba l-limitazzjoni preżenti, intalab li din l-attivita' tiġi posposta għal Marzu/April, liema talba ġiet approvata.

**400.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**400.3.1** Is-Sindku qal li l-arranġament tat-traffiku ġdid fi Triq it-Tabib Nikola Zammit qed jiġi implimentat din il-ġimgħa. Huwa qal li fadal issue fi Triq Ħal Xluq minħabba aċċess għar-residenti fil-ħinijiet tal-iskola u ser titranġa fil-jiem li ġejjin. Is-sistema tibda topera b'mod effettiv mit-Tlieta l-1 ta' Diċembru 2020. Is-Sindku qal li intbagħtet ittra ta' informazzjoni fid-djar.
Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Wied il-Hesri qed joħloq iġġamjar tat-traffiku, anka peress li issa żdied l-influss ta' traffiku f'dik it-triq.

**400.3.2** Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Districts officer tal-LESA fejn ġew diskussi diversi punti, fosthom rimi illegali f'Ramija u ħdejn il-bring-in-sites, fost oħrajn u parkeġġ fin-nofs f'diversi toroq inkluż il-pjazza. Ġiet imsemmija wkoll il-problema ta' trakkijiet kbar li jgħaddu mill-qalba tar-raħal kif ukoll xogħol bl-inġenji mingħajr il-permess tal-Kunsill, speċjalment fejn jiġi ostakolat it-traffiku, fejn jinħoloq periklu u qrib l-iskola.

**400.3.3** Is-Sindku qal li ser tintbagħat stedina għal laqgħa ta' kortesija mal-Kunsill lill-Ispettur għal qabel is-Seduta li jmiss.

**400.3.4** Is-Sindku qal li l-familja ta' Grezzju Pace bagħtu r-ringrazjamenti tagħhom lill-Kunsill għax-xiri tal-ktieb.

**400.3.5** Is-Sindku informa li r-restawr fuq il-monument ta' Patri Ġuże' Delia kien lest u inbeda x-xogħol fuq il-monument ta' Karmenu Vassallo. Is-Sindku qal li flimkien mas-Sotto Kumitat Kultura u Wirt storiku, qed isir eżerċizzju biex jiġu elenkati l-monumenti kollha fis-Siġġiewi, u jinġiebu stimi għar-restawr. Huwa qal li huwa proġettat li jiġi restawrat il-monument tat-Tabib Nikola Zammit u r-roundabout li jinsab fiha.

**400.3.6** Is-Sindku semma d-diversi komunikati mal-kumpanija Go rigward xogħol ħażin f'diversi toroq. Huwa rringrazzja lill-Kunsillier Julian Borg li segwa mill-qrib mal-persuni inkarigati minn dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Julian Borg qal li huwa inaċċettabbli li wara diversi ġimgħat trinek tax-xogħlijiet għadhom miftuħin. Dan huwa inaċċettabbli u qed joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti. Huwa qal li qed jagħmel pressjoni ma' Transport Malta biex ix-xogħol jitranġa mingħajr iktar dewmien. B'referenza għal xogħolijiet ħżiena, il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li xogħol ta' tiswija tal-WSC fi Triq il-Muża u ieħor fi Triq Salvu Curso inqala kollu.

**400.3.7** Is-Sindku informa li ser jingħata wiċċ ġdid ta' Triq it-Tiġrija kollha, mis-Saqqajja sa Ta' Brija minn Infrastructure Malta u għalhekk it-triq ser tagħmel żmien magħluqa.

**400.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**400.4.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia saqsiet jekk hemmx indikazzjoni ta' meta ser jibda x-xogħol fit-Triq ta' Għar Lapsi. Is-Sindku wieġeb li l-aħħar informazzjoni mill-WSC, ix-xogħol għandu jibda għal nofs Jannar 2021 peress li bħalissa għaddejjin b' xogħol fi Triq il-Lewża u Triq tal-Providenza. Il-Kunsilliera Farrugia fakkret biex ix-xogħol biex tiċkien ir-roundabout tal-bidu tat-trejqa li tagħti lejn il-Kappella tal-Providenza isir mal-eżekuzzjoni tax-xogħol.

**400.4.2** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proposta tas-Siġġiewi Rowing Club biex jinsabu siti għal Club. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jidderiegi l-Club biex jagħmel talba lill-Ministeru responsabbli mill-Isport għal gwida.

**400.4.3** Il-Kunsillier Julian Borg irrimarka li s-sottomissjonijiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar li jiġu diskussi fis-Seduti m'humhiex jiġu ċirkolati lill-Kunsilliera qabel peress li qed ikun hemm dewmien minn naħa tal-Perit tal-Kunsill. Huwa qal li sottomissjoni riċenti waslet permess ta' email ftit sigħat qabel id-data tal-għeluq. Is-Sindku qal li irid ikun hemm iktar koordinazzjoni bejn il-Kunsill u l-Perit tal-kunsill fejn jidħlu sottomissjonijiet.

**400.4.4** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għad-diversi posts fuq il-media soċjali dwar il-kwalita' ħażina tal-arja minħabba trabijiet ikkawżati f'barriera f'Wied Xkora. Huwa propona li ssir talba lil ERA (monitoring station) biex isir studju dwar il-kwalita' tal-arja fiż-żona rurali. Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hu mar personalment fuq il-post u kkonferma li l-arja hija soffokanti u insopportabbli. Huwa qal li s-siġar fl-akwati jidhru kollha mejta u miksija trab. Is-Sindku qal li mill-ewwel intbagħat rapport lil ERA biex issir l-investigazzjoni meħtieġa u infurzar u qed jistenna l-eżitu ta' dan.

**400.4.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-problema tal-ħsara fil-bandli ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit minn adolexxenti għadha sseħħ u talbet li jkun hemm aktar patrols spissi mill-Pulizija.

**400.4.6** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm xi eżitu dwar it-talba għall-installazjoni ta' bus shelter quddiem id-Dar tal-Providenza. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li t-talba qegħda għand Transport malta iżda is-sit preżenti m'għandux kriterji biex jiġi approvat li jsir peress li m'hemmx bankina.

400.4.7 Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet update tal-fundraising event li saret mill-Viċi Sindku, kemm inġabru fondi u kif ser jiġu użati. Il-Viċi Sindku qalet li kif diġa avżat fuq il-midja soċjali, inġabru €700 li ser jintużaw f'vouchers għan-neutering u dan wara konsultazzjoni mal-cat feeders biex jiġi stabbilit xi bżonnijiet hemm. Hija kompliet li skond informazzjoni minn Animal Welfare, fil-futur qarib ser tinħareġ -iskema għal vouchers. Il-Viċi-Sindku qalet li l-cat-feeders iridu jkunu reġistrati mal-Kunsill biex jibbenefikaw minn dawn l-inizjattivi.

400.4.8 Il-Kunsillier Francine Farrugia infurmat li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għan-nomina tal-Premju Soċjeta' Ġusta u ġie nominat Fr. Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza.

400.4.9 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet meta ser isir ix-xogħol fi Triq tas-Sruġ biex jiġi finalizżat il-proġett taħt Miżura 4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li saret 'Change Request' fuq talba ta' IM għal estensjoni sal-aħħar ta' Marzu 2021.

400.4.10 Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit saqsiet meta ser ikun lest ix-xogħol tal-ħitan tas-sejjiegħ taħt Miżura 4.4, peress li s-sid tal-għalqa f'tal-Bajjada qed jilmenta kontinwament dwar ħsarat li saru mill-Kuntrattur. Hi saqsiet meta ser tiġi rimedjata l-ħsara. Is-Sindku qal li l-kwisjoni qegħda tiġi segwita flimkien mal-perit tal-Kunsill. Huwa qal li kien hemm dewmien kawżati kemm mis-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija u anka minn ħsarat ulterjuri kawżati mill-maltemp.

**400.5 Laqgħa tal-Lokalita' għall-kunsiderazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif provdut fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa annwali li fiha jiġu preżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2021.
Fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti, u għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika, il-Kunsill qabel li filwaqt li ssir il-laqgħa kif provdut fil-liġi, il-pubbliku ma jkunx preżenti fiżikament fis-sala iżda ikollu ċ-ċans jipparteċipa virtwalment. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tiġi mxandra live fuq il-facebook page tal-Kunsill https://www.facebook.com/KLSiggiewi, u l-pubbliku jingħata aċċess jikkummenta. Is-Sindku propona li l-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020 fis-6.00pm. Il-Kunsill unanimament qabel.

**400.6 Tiġdid tal-Polza ta' assikurazzjoni ta' Saħħa**

Is-Sindku rrfera għal Ċir AKL 2020/126, Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021, u propona biex il-polza tiġġedded għas-sena 2021. Il-Kunsill unanimament qabel li l-polza tkun imġedda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min jixtieq jassikura lid-dipendenti għandu jgħaddi l-pagament relatat lill-Uffiċċju mill-iktar fis. Il-miżata għall-membri tal-Kunsill inkluż staff tkun imħallsa mill-Kunsill bħas-snin preċedenti.

**400.7 Performance Report – Ħaddiema taħt il-Community Working Scheme**

Is-Sindku preżenta l-Performance Report tal-ħaddiema assenjati taħt l-iskema CWS, għas-sena ta' ħidma 2020. Huwa qal li wara li ddiskuta l-*overall performance* tal-impjegati mas-Segretarju Eżekuttiv, jiproponi li l-ħaddiema jingħataw l-ammont medju ta' bonus, jiġifieri €350 eskluż il-Vat lil kull wieħed. Huwa qal li filwaqt li sar ħafna xogħol minn dawn il-ħaddiema, fadal diversi issues li fihom lok għal titjib. Huwa qal li haw ħafna xogħol ta' manutenzjoni x'isir kontinwament u kulħadd irid jagħti l-kontribut tiegħu. Is-Sindku qal li qiegħed f'komunikat biex jara l-possibilta' biex jiġu assenjati mal-Kunsill iktar ħaddiema manwali biex ikun jista' jitwettaq iktar xogħol fuq barra.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li f'każ ta' sejħa għal impjieġ għal iktar ħaddiema il-Kunsill għandu jikkonferma mal-Awditur jekk il-Kunsill hux qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja biex jinvesti f'paga jew permezz ta' skemi kif diġa għandna ħaddiema oħra. Hija insistiet biex dejjem nassiguraw li jitħarsu l-proċeduri u biex il-Kunsilliera dejjem ikollhom il-fakulta' jagħmlu l-aħjar għażla permezz ta' bord tal-evalwazzjoni u approvazzjoni fis-Seduti. Il-Kunsill unanimament approva l-ammont tal-bonus lill-ħaddiema assenjati taħt din l-iskema.

**400.8** **Tismija ta' Toroq**

Is-Sindku staqsa jekk hemmx proposti ta' ismijiet għat-toroq kif indikati fis-Seduta preċedenti. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li r-residenti tal-inħawi għandhom ikunu avżati preċedentement li hemm proposta mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex isir tibdil fl-isem tat-triq għax jinvolvi diversi fatturi bħal bdil ta' ID Cards fost oħrajn. Għalhekk ġie propost li meta s-sitwazzjoni tal-pandemija tiġi għall-aħjar, issir laqgħa informattiva mar-residenti. Sadattant, għandha tintalab informazzjoni mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq dwar x'jinvolvi lir-residenti meta jkun hemm tali bdil biex fil-laqgħa tingħata l-informazzjoni kollha korretta.

**400.9** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Inġibdet l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA/07191/20. Il-Kunsillier Julian Borg talab li l-Perit tal-Kunsill jagħti iktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni hija s-27 ta' Novembru 2020.

**400.10** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**400.10.1** Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand l-Imħallef G.Bonello fejn qed tintalab l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill għall-publikazzjoni ta' xogħol dwar ir-reġistri antiki tas-Siġġiewi. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa kemm hi s-somma involuta. Is-Sindku qal li m'hemmx indikazzjoni għalkemm diġa intalbet tali informazzjoni u għalhekk qed jiproponi laqgħa biex inkollna iktar dettalji.

**400.10.2** Is-Sindku informa li l-estensjoni għan-nomina tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv skond l-Artiklu 49(2) tal-Att XXI tal-2020 ġiet approvata mid-Dipartiment.

**400.10.3** Is-Sindku qal li l-applikazzjoni LC Care ġiet approvata u ser isir l-iffirmar tal-ftehim fil-jiem li ġejjin. Huwa qal li l-proġett ser ikun implimentat mill-Viċi Sindku taħt id-dikasteru għall-kura tal-annimali.

**400.11** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**400.12** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

400.12.1 Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

400.12.2 **Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report - Ġunju-Settembru 2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-Quarterly Financial Report għat-tielet kwart tas-sena (Q3) u tat spjegazzjoni tar-rapport. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill approva unanimament.

400.13 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

400.13.1 Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet dwar xi tabelli tat-traffiku li għadhom ma twaħħlux. Is-Sindku wieġeb li bħalissa għaddejjin b'eżerċizzju li jinbidlu t-tabelli kollha li mhuxhiex f'kundizzjoni tajba u qegħdin jeħlu żona żona.

400.13.2 Il-Viċi Sindku qalet li b'konsegwenza għall-arranġament il-ġdid tat-traffiku fejn iktar vetturi qed jgħaddu minn Triq Dun Manwel Zammit, hemm bżonn urġenti ta' zebra crossing lejn il-ground.

400.13.3 Il-Viċi Sindku talbet li ssir it-tiswija tal-bankina fi Triq l-Għid kantuniera ma' Triq Mons. Mikiel Azzopardi biex jitneħħa l-periklu.

400.13.4 Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa ma' dawk involuti għat-tiżjin tat-toroq. Huwa qal li fi żminijiet diffiċli u partikolari li għaddejjin minnhom fil-preżent, inħass il-bżonn li apparti l-armar tas-soltu, jiżdied xi armar kemm fil-Pjazza u l-madwar u anka fil-bypass, biex tinħoloq atmosfera li titgawda mis-Siġġiwin u kull min iżur. Is-Sindku żied li kien hemm talba mill-Grupp tal-Armar għall-għajnuna finanzjarja biex issir għall-ewwel darba mixgħela bix-xemgħat fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jieħu €1000 mir-Reġjun Nofsinhar għat-tiżjin tat-toroq filwaqt li ssir talba biex €500 li ser jingħataw mir-Reġjun nofsinhar għal 'kompetizzjoni tat-tiżjin' jingħataw lill-Grupp tal-Armar għal din il-mixgħela anka għall-fatt li din żgur ser titgawda minn bosta nies.

400.13.5 Il-Kunsillier Adrian Farrugia semma l-problema ta' rimi illegali ħdejn il-bring in site fi Triq Salvu Borg Olivier. Huwa qal ukoll li l-kontejners fl-area żdiedu u qed joħolqu iktar lok ta' abbuż. Il-Kunsillier Farrugia staqsa kemm il-darba jitbattlu l-iskips u talab il-possibilita li tiżdied il-frekwenza tat-tbattil. Is-Sindku wieġeb li fil-jiem li ġejjin il-cameras li juru l-bring-in-sites ser jiġu monitored mil-LESA biex ikun hemm iktar infurzar għal abbuż li qed ikun hemm. Is-Sindku propona li ssir laqgħa ma' GreenMT biex jiġu diskussi dawn l-issues.

400.13.6 Il-Kunsillier Adrian Farrugia propona li issir talba biex il-ġbir tal-ħġieġ door-to-door jibda jsir darbtejn f'xahar flok darba, bħal ma diġa isir f'irħula oħra. Is-Sindku qal li dan l-item għandu jkun diskuss ukoll mal-GreenMT.

400.13.7 Il-kunsillier Julian Borg qal li hemm biċċa mit-triq tal-Fawwara li qegħda fi stat ħażin ħafna. Dan it-tratt biss tħalla mingħajr wiċċ ġdid. Huwa talab li jiġu infurmati Infrastructure Malta biex jitkompla jew inkella jsir patching. Huwa semma li Triq Ta' Bellu ukoll għandha bżonn patching.

400.13.8 Il-Kunsillier Julian Borg qal li għamel talba għal bdil ta' mera mkissra f'Tal-Bajjada.

400.13.9 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li s-sinjal taż-żebra crossing fi Pjazza San Nikola għadu ma twaħħalx.

400.13.10 Hija talbet li jinqata l-ħaxix u titwaħħal tabella ta' periklu ħdejn il-barriera mitluqa fi Triq in-Nirien.

400.13.11 Il-Kunsilliera Francine Farrugia fakkret dwar sinjali ta' parkeġġ fil-wesgħa qabel tinżel Wied Xkora u Ta' Karlozzu minn Triq Mons. Mikiel Azzopardi, fl-islow signs Triq il-Kbira u l-installazjoni ta' cats eyes fi Triq Lapsi. Is-Sindku qal li peress li għal Jannar ser jibda x-xogħol tal-bini ta' Triq Lapsi l-installazjoni tal-cats eyes ġie rimadat biex ma ssirx ħsara.

400.14 **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 21ta' Diċembru 2020

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |